IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 44

**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Data u ħin

**Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 43**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G43 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 43

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 43**

Punti li joħorġu mill-Minuti G 43

2.01 11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-siġar kienu ġew miżbura.

Żbir ta' siġar Triq Had-Dingli

2.02 11.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-tabelli kienu ġew ordnati.

Bdil ta' tabelli



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fit-7.12 ta' filgħaxija.

3.00 **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1008/15** is-Sindku informa l-laqgħa li l-proprjetarja tal-istabbiliment *Crazy Cook* kienet qiegħda tressaq talba lill-Kunsill dwar il-possibilità li l-latrina ta' Triq Santa Rita tibqa' miftuħa wara l-ħin. Talba mill-propjetarja tal-istabiliment *Crazy Cook*

Wara diskussjoni li saret, fuq proposta tal-Kunsillier Nazju Cassar u ssekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, il-Kunsill unanimament qabel li t-talba ma tiġix milqugħa peress li l-Kunsill ma jistax jestendi l-ħinijiet tal-ftuħ minħabba l-fatt li ma jistax jidħol fi spejjeż addizzjonali.

3.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1030/15** is-Sindku informa l-laqgħa li rċieva talba mingħand Dr J Ferriggi fejn qiegħed jitlob li l-Ġieħ li kien ingħata lilu jingħata lil dawk ir-Rabtin ħajjin u mejtin mhux rikonoxxuti b'dan il-Ġieħ, li minn żmien missirijietna ħadmu tant għar-Rabat kif nafuh illum u dan bħala rikonoxximent tas-servizz tagħhom lir-Rabat u r-Rabtin. Talba dwar Ġieħ ir-Rabat

Wara diskussjoni li saret fuq proposta tas-Sindku ġie deċiż li t-talba ma tistax tiġi milqugħa peress li l-Istatut jgħid li Ġieħ ma jistax jingħata lil xi ħadd mejjet. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.00 **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 250 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 250

5.00 **Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 1 - RLC/T/127/13**

5.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/127/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 1 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 1 - RLC/T/127/13

6.00 **Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 2 - RLC/T/128/13**

6.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/128/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 2 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 2 - RLC/T/128/13

**7.00 Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 4 - RLC/T/130/13**

7.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/130/13 għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* - Żona 4 u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Area* – Żona 4 - RLC/T/130/13

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita (RLC/T/150/15)

Intefgħu erba' offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata** |
|---|---|---|
| 1 | WM Environmental Ltd | €4658.00 |
| 2 | Charles Sant | €4507.75 |
| 3 | Owen Borg | €4320.00 |
| 4 | Joseph Vassallo | €4680.00 |

Offerti numru 1, 2 u 3 ġew skwalifikati peress li ma laħqux mal-kriterji mitluba fl-offerta. Il-Bord evalwa l-unika offerta valida li kien fadal u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Joseph Vassallo.

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun (RLC/T/151/15).

Intefgħu sitt offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata** |
|---|---|---|
| 1 | Joseph Calleja | Nil |
| 2 | Charles Gauci | €3800.00 |
| 3 | WM Environmental Ltd | €4100.00 |
| 4 | Charles Sant | €3592.25 |
| 5 | Owen Borg | €4325.00 |
| 6 | Sebastion Vassallo | €3850 |

Offerti numru 1, 2, 3, 4 u 5 ġew skwalifikati peress li ma laħqux mal-kriterji mitluba fl-offerta. Il-Bord evalwa l-unika offerta valida li kien fadal u qabel li jirrakkomanda lill-offerent Sebastian Vassallo.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 8 tal-aġenda.**

**8.00 Għażla tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita – RLC/T/150/15**

8.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita, lill-offerent Joseph Vassallo peress li din kienet l-unika offerta li laħqet il-kriterji kollha mitluba. Issekondat din il-mozzjoni l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita – RLC/T/150/15

**9.00 Għażla tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun – RLC/T/151/15**

9.01 Il-Kunsillier Paul Grech ppropona li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun, lill-offerent Sebastian Vassallo peress li din kienet l-unika offerta li laħqet il-kriterji kollha mitluba. Issekondat din il-mozzjoni l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun – RLC/T/151/15

**10.00 Korrispondenza**

10.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0993/15**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsilliera Andrew Mallia, Nazju Cassar u Rudolf Grima ma jiġux dikjarati vakanti.

Attendenza tal-Kunsillieri

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fit-8.20 ta' filgħaxija.

10.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1007/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li s-Sur Ryan Galea kien ressaq ilment quddiem l-*Ombudsman* rigward it-talba għal rimbors ta' ħsara kkawżata fuq *tyres* tal-vettura tiegħu.

Ilment quddiem l-*Ombudsman*

Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta mill-*Ombudsman* u wara diskussjoni li saret fuq proposta tal-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Paul Grech il-Kunsill unanimament qabel li jirrijafferma l-pożizzjoni meħuda dwar il-każ tas-Sur Galea. Ġie deċiż ukoll li l-ittra tal-*Ombudsman* tiġi mwieġba mill-avukat tal-Kunsill.

10.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1006/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura mir-residenti/individwi li jiffrekwentaw Triq Għajn Kajjet, fejn dawn qegħdin jitolbu li l-Kunsill jgħaddi l-petizzjoni tagħhom lill-Ministru kkonċernat u lil 'Transport Malta' sabiex isiru *culverts* tul l-

Petizzjoni sabiex issiru culverts fi Triq Għajn Kajjet

imsemmija triq. Il-Kunsill qabel li din il-petizzjoni tintbagħat lill-Ministru kkonċernat u kopja lil 'Transport Malta'.

10.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0959/15,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-avukata Paula Mifsud Bonnici dwar il-każ għal ħlas ta' danni mis-Sna Raisa Farrugia, fejn il-Kunsill kien qiegħed jintalab sabiex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni meħuda fis-seduta G42.

Talba għal ħlas ta' danni mis-Sna Raisa Farrugia

Is-SE qrat l-ittra mibgħuta mill-avukata Mifsud Bonnici u wara diskussjoni li saret, fuq proposta tal-Kunsillier Paul Grech u ssekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro, il-Kunsill unanimament qabel li jirrijafferma l-pożizzjoni meħuda waqt seduta G42.

## 11.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B13

11.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B13 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù B13

## 12.00 Materji Oħra

12.01 Kien miġjub għall-attenzjoni tal-Kunsill il-ħtieġa li jkun maħtur konsulent dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerta għal servizz ta' Perit u *Contract Manager*. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssuġġerixxa li jiġi mistoqsi l-*accountant* tal-Kunsill s-Sur P.Bugeja jekk jistax jaġixxi f'dan ir-rwol. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra ta' konsulent

12.02 Is-Sindku ppropona li bħal kull sena jinxtraw id-djarji għas-sena 2016 għall-Kunsilliera, il-Membri tal-Kumitati Amministrattivi u l-*istaff* tal-Kunsill. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiddeċiedi skont il-ħtieġa wara li jkunu ngabru l-kwotazzjonijiet.

Xiri ta' djarji 2016

12.03 Is-Sindku ppropona li l-*bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok jitneħħew u jitpoġġew bi prova fi Triq il-Merħliet. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok

12.04 Il-Sindku ppropona li tinbidel il-bankina ta' Triq il-Kbira u ssir tal-konkos peress li fiha diversi ħsarat. Il-Kunsill qabel li nitolbu parir mingħand il-perit tal-Kunsill kif ukoll stima tax-xogħlijiet meħtieġa u terġa' tittella' f'seduta oħra tal-Kunsill sabiex tittieħed id-deċiżjoni finali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Bankina fi Triq il-Kbira

12.05 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro nfurmat il-laqgħa li l-ħarġiet tal-anzjani kellhom jiġu mwaqqfa temporanjament minħabba li ħafna toroq fir-Rabat jinsabu magħluqin u għaldaqstant mhux possibbli li l-*coaches* jiġbru l-anzjani.

Ħarġiet tal-anzjani

12.06 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-fanali tal-Pjazza ta' San Pawl jinsabu mitfija.

Fanali mitfija

| | | |
|---|---|---|
| 12.07 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-arblu tad-dawl taz-*zebra crossing* fi Triq Ħal Tartarni ntlaqat minn xi karrozza u jinsab mal-art. | Arblu tad-dawl taż-*zebra crossing* fi Triq Ħal Tartarni |
| 12.08 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-kuntrattur ta' 'Heritage Malta' li qed jaħdem fuq il-katakombi ta' San Pawl ħalla l-gandott miftuħ fi Triq Sant'Agata li qed ikun ta' periklu għas-sewwieqa. | Gandott miftuħ ħdejn il-katakombi ta' San Pawl |
| 12.09 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li tintbagħat *reminder* lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-każ ta' Triq Għobbejra. Il-Kunsill qabel. | *Reminder* lil WSC dwar il-każ ta' Triq Għobbejra. |
| 12.10 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li ssir manutenzjoni tal-ġnien ta' Għar Barka. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Manutenzzjoni tal-ġnien ta' Għar Barka |
| 12.11 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li l-*bring-in-sites* ta' Għar Barka jitpoġġew ħdejn is-*sub station* ta' Triq Għar Barka. Il-Kunsill qabel. | *Bring-in-sites* ta' Għar Barka |

**13.00 Data tas-seduta li jmiss**

| | | |
|---|---|---|
| 13.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |
| 13.02 | Il-laqgħa ntemmet fid-9.35 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta ..... 20 ..... ta' Ottubru ..... 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**